- REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU -

- HIRE PURCHASE AGREEMENT -

*- PACTUM CUM RISERVATA DOMINII -*

- MIN JALLEGA JRID JIPPROVA -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 11**
**Citazzjoni Numru: 1989/00/RCP**

**Regina Auto Dealer Limited**

**vs**

**Miller Distributors Limited u Dr. Anthony Cutajar u P.L. Victor Bugeja li b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2000 gew nominati kuraturi deputati sabiex iharsu l-interessi tal-assenti Renato Caruana u dana ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

IIli s-socjeta' attrici kienet ghamlet ftehim ta' *hire purchase* mal-konvenut Renato Caruana rigward il-vettura tal-marka Mitsibushi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni KBD-184, hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u immarkat bhala Dok. A;

Illi s-socjeta' attrici ghadha propjetarja tal-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni KBD-184 peress illi l-konvenut Renato Caruana naqas milli jhallas parti sostanzjali mill-prezz;

Illi permezz ta' mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1668/00 hawn anness u mmarkat bhala Dok. B fl-ismijiet Miller Distributors Limited kontra Renato Caruana giet maqbuda l-vettura hawn fuq indikata mill-pussess tal-konvenut Renato Caruana;

Illi permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2174/00 fl-istess ismijiet hawn anness u mmarkat bhala Dok. C il-konvenut Renato Caruana gie inibit milli jbiegh jew jittrasferixxi l-imsemmija vettura;

Illi s-socjeta' konvenuta Miller Distributors Limited debitament interpellata baqghet inadempjenti;

Illi talbet l-istess socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tirrevoka mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1668/00 fl-ismijiet Miller Distributors Limited kontra Renato Caruana u l-mandat ta' inibizzjoni numru 2174/00 fl-istess ismijiet, *stante* li l-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni KBD-184 hija proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 15 tal-process;

Rat ir-rikors tas-socjeta' kummercjali Regina Auto Dealer Limited tas-26 ta' Settembru 2000 fejn talbu lill-Qorti tahtar kuraturi deputati halli jirrapprezentaw l-interessi ta' Renato Caruana.

Rat ukoll d-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-9 ta' Ottubru 2000 fejn gew nominati l-avukat Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja ghall-istess fini.

Rat in-nota tal-kumpanija attrici tal-20 ta' Dicembru 2000 esebita a fol. 27 fejn biha ddikjarat li qed iccedi l-

pretensjonijiet taghha limitatament ghall-konvenut Renato Caruana.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-23 ta' Jannar 2001 a fol. 30 fejn gie eccepit:

1. Illi l-mandat li s-socjeta' attrici qeghda titlob ir-revoka taghhom inhargur legittimament in kawtela ta' kreditu tas-socjeta eccipjenti, liema kreditu gie sussegwentement kanonizzat permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 14 ta' Lulju 2000, wara li Renato Caruana kien ammetta tali debitu, u ghalhekk;

2. Illi sal-llum il-kreditu tas-socjeta' eccipjenti fil-konfront ta' Renato Caruana ghadu mhux sodisfatt u ghalhekk il-mandati in kwistjoni ghadhom bzonnjuzi;

3. Illi sal-llum is-socjeta' attrici ma gabet l-ebda prova li hija kreditrici ta' Renato Caruana, u li kwindi l-vettura effetwata bl-istess mandati hija fil-verita' proprjeta' tas-socjeta' attrici;

4. Illi ghalhekk ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn dawn il-mandati ghandhom jigu revokati;

5. Illi *in ogni caso*, u minghajr pregudizzju ghas-*suespost*, is-socjeta' eccipjenti agixxiet b'mod legittimu u ghalhekk m'ghandhiex tigi ppregudikata bir-revoka ta' dawn il-mandati;

6. Illi *inoltre* u minghajr pregjudizzju ghas-*suespost*, is-socjeta' attrici setghet tadopera procedura ferm inqas oneruza biex tissalvagwardja kull dritt pretiz minnha, **u kwindi s-socjeta' eccipjenti m'ghandhiex tbaghti dawn l-ispejjez inutli;**

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 31 sa 35 tal-process.

Rat il-verbali tas-7 ta' Frar 2001 fejn giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta. Inghata digriet tal-affidavit tas-socjeta' attrici b'terminu ta' ghoxrin jum; tas-7 ta' Marzu 2001; tat-23 ta' Mejju 2001; tad-19 ta' Gunju 2001; tal-31 ta' Ottubru 2001 fejn xehed John Cutajar u Dr. Edward Zammit Lewis iddikjara l-provi attrici maghluqa. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenuti b'terminu ta' tletin (30) gurnata; tal-5 ta' Dicembru 2001 fejn fuq talba ta' Dr. Nicole Vella De Fremaux li dehret ghas-socjeta' konvenuta, estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits ghall-ahhar darba b'erbghin jum iehor; tat-13 ta' Frar 2002 fejn xehed Charles Caligari Conti. Dr. Vella De Fremaux iddikjarat il-provi tas-socjeta' konvenuta maghluqa. Fuq talba tad-difensuri tal-partijiet il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lis-socjeta' attrici biex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30)

gurnata ohra biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghall-lum 30 ta' Mejju 2002 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tat-13 ta' Marzu 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta tal-24 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDEREZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta` attrici qed tallega illi hija proprjetarja tal-vettura Mitsubishi Pajero Reg No KBD 184 liema karozza kienet suggett tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju 1668/2000 u Mandat ta' Inbizzjoni Numru 2174/2000 fl-ismijiet "Miller Distributors Ltd vs Renato Caruana" u la darba dan hu l-kaz anke minhabba l-fatt li l-istess socjeta` attrici allegat li kellha biss ftehim ta' *hire purchase* ma Renato Caruana, hija qed tallega li la darba hija baqghet is-sid tal-istess karozza tali mandati ghandhom jigu revokati fejn jirrigwardaw l-istess vettura peress li din qatt ma kienet proprjeta` tal-konvenut l-iehor.

Illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma fis-sens illi s-socjeta` attrici trid tipprova t-titolu taghha u dan apparti li

hija kreditrici tal-konvenut l-iehor b'sentenza fl-ismijiet "**Miller Distributors Ltd vs Renato Caruana**" tal-14 ta' Lulju 2002 (Citaz Nru 927/00/AJM).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta hija kreditrici ta' Renato Caruana bis-sentenza fl-ismijiet "**Miller Distributors Ltd vs Renato Caruana**" tal-14 ta' Lulju 2002 (Citaz Nru 927/00/AJM).

Illi jirrizulta wkoll minn kawtela tal-istess kreditu s-socjeta` konvenuta ottjeniet fil-konfront tal-konvenut l-ispedizzjoni tal-Mandati ta' Inbizzjoni u ta' Qbid fuq indikati, li fihom il-karozza indikata fic-citazzjoni hija parti mis-suggetti milquta bl-istess atti kawtelatorji.

Illi jirrizulta wkoll li tali karozza kienet suggetta ghall-bejgh li l-istess Renato Caruana b'titolu ta' *Hire Purchase* kif indikat bl-iskrittura tat-8 ta' Frar 2000, u li fl-istess skrittura hemm indikat *inter alia* s-segwenti:

*"Il-Vettura tibqa' propjeta` assoluta tas-Sid sakemm jithallas il-prezz u l-imghax miftehma".*

*Barra minn hekk, klawsola 5 tal-istess skrittura tghid is-segwenti:*

*"F'kaz li x-Xerrej jonqos li jhallas zewg pagamenti mensili jew ammont ekwivalenti, is-Sid ikollu d-dritt:*

*a)* *omissis.*

b) *Jew li jiehu lura l-Vettura minghand ix-Xerrej u ma jirrestitwixxi ebda ammont imhallas lilu mix-xerrej".*

Illi abbazi tal-premess is-socjeta` attrici irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet "**Victor Soler noe vs Josephine Pace et"** fejn inghad li dak li huwa rilevanti sabiex tigi stabbilita` l-proprjeta` tal-istess vettura ma hux dak li sar *ai fini* tat-trasferiment u tal-licenzja in kwistjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija izda dak li jirrizulta mill-ftehim tal-bejgh, tant li fis-sentenza "**Noel Gruppetta vs Joseph Florian"** (A.K. 29 ta' Jannar 1980) li r-regolament 25 tal-*Motor Vehicles Regulations* ma jiddeterminax il-proprjeta` tal-vettura stante li dan jigi determinat mill-ftehim li jkun intlahaq bejn il-kontraenti illi fil-fatt inghad is-segwenti:

"*L-iskop tar-regolament hu allura biex jassigura li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli ghall-vettura registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tirrispondi skond il-ligi ghal dak li seta' jigri bl-uzu ta' l-istess vettura. Ir-registrazzjoni u l-licenzja tal-vettura jistghu jkunu elementi ta' prova biex jigi determinat min kien il-proprjetarju taghha pero` dak li hu verament determinanti huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim. Fil-kaz taht ezami ma hux kontestat li l-ftehim kien wiehed ta' 'hire purchase' u huma r-regoli gjuridici applikabbli ghal dan il-kuntratt li kellhom jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet"*.

Illi din il-Qorti taqbel mal-insenjamenti fuq indikati u minn ezami tal-istess kuntratt esebit a fol 5 tal-process jirrizulta li dak il-ftehim huwa *hire purchase agreement* jew inkella kif komunimament imsejjah f'termini legali *pactum com riservata dominii* li l-effett tieghu huwa dak deskritt fis-sentenza fl-ismijiet "**V. Bonnett vs G Azzopardi**" (A.K. 28 ta' Gunju 1922) fejn intqal li: "*In natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess ta' l-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oggett u l-proprjeta` tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat"* (vide "**G Degiorgio vs E Micallef**" - A.C. fis-16 ta' Dicembru 1936 (Vol XXIX.i.1438; "**Negozjant Alfredo Muscat vs G Bonnici et**" – A.C. 8 ta' Frar 1935 - (Vol XXIX.i.89); "**Lieutenant Colonel Robert Strickland vs David Shepherd**" (A.C. 21 ta' Jannar 1951 (Vol XXXV.iii.530)).

Illi din il-Qorti taqbel li dan hu l-effett tal-ftehim in kwistjoni a fol 5 tal-process bil-konsegwenza li s-sid u ghalhekk il-proprjetarju tal-vettura in kwistjoni mhwiex Renato Caruana, id-debitur fl-atti kawtelatorji istitwiti mis-socjeta` konvenuta odjerna.

Illi pero` dan ma jfissirx lanqas li s-socjeta` attrici hija l-proprjetarja tal-istess vettura, u dan ghaliex fl-istess skrittura privata citata, imkien ma jidher li l-istess socjeta`

attrici hija ndikata bhala sid. Fil-fatt fl-istess skrittura hemm indikat is-segwenti:

"*Ftehim maghmul il-llum 8 ta' Frar 2000 bejn JOHN CUTAJAR (hawn taht imsemmi is-Sid) u MR RENATO CARUANA li joqghod ... ...*".

Illi minn dan jirrizulta li anke abbazi tas-sentenzi fuq citati is-sid tal-istess vettura huwa proprju dan John Cutajar li jidher li ffirma l-istess skrittura f'ismu proprju. Illi huwa vera li l-istess skrittura hija ntestata "Regina Auto Dealer" pero` huwa ovvju li mkien f'din l-istess skrittura ma hemm l-ebda referenza li tali intestata tal-isem ta' ditta qeghda tirreferi b'xi mod ghal xi isem ta' xi socjeta` inkluza dik attrici, u ghalhekk ma jidhirx li l-istess socjeta` attrici kienet parti mill-istess ftehim.

Illi dan il-fatt konsiderat mal-principju li socjeta` jew kumpanija debitament registrata skond il-ligi *ai termini* tal-Att dwar il-Kumpaniji ...... ghandha personalita` legali u distinta mill-membri li jikkomponuha ifisser li s-socjeta` attrici li ghamlet il-kawza hija ghal kollox differenti mill-persuna ta' John Cutajar li ffirma l-istess skrittura; fil-fatt minn imkien ma jidher fl-istess skrittura li l-imsemmi John Cutajar iffirma l-istess bhala rapprezentant ta' tali socjeta` attrici.

Illi minn dan isegwi li jekk wiehed jimxi fuq il-provi prodotti inkluzi dawk dokumentarji u jekk wiehed jirreferi wkoll

ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-istess socjeta` attrici u jsegwi l-principji hemm indikati ir-rizultat huwa li abbazi tal-principju u l-istitut ta' ftehim *pactum riservata dominii* is-sid tal-istess vettura johrog mill-kontentut tal-istess ftehim, u ezaminat dan ta' l-ahhar wiehed isib li s-sid huwa dak hemm indikat u cioe` John Cutajar u mhux is-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta illi s-socjeta` attrici ghandha tipprova t-titolu taghha f'dan ir-rigward ghandha tirnexxi peress li kien l-oneru tas-socjeta` attrici li tipprova li hija l-proprjetarja tal-istess vettura, anke ghaliex huwa principju generali li min jallega ghandu l-oneru tal-prova, liema oneru hija mhux biss ma ssodisfatx anzi mill-provi prodotti jirrizulta li John Cutajar huwa l-proprjetarju tal-istess vettura, u ghalhekk is-socjeta` attrici ma ghandha ebda *locus standi* f'din il-kawza.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## <u>IV. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta** u filwaqt li tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor stante ic-cessjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tieghu

permezz ta' nota prezentata fl-20 ta' Dicembru 2002, **tichad it-talbiet attrici** fil-konfront tas-socjeta` konvenuta stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif fuq premess.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**